**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

Illum l-Erbgha 27 ta' Jannar, 2016

**Il-Pulizija**
**(Spt Spiridione Zammit)**

**vs.**

***Omissis***
**Christian Debono**
**Josef Mahouachi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra *Omissis* u

Christian Debono ta' 16-il sena bin Carmel u Veronica nee' Grech imwieled Pieta' fi 30 ta' Gunju 1992 u joqghod Block C4 Flat 2 Qasam tal-bini tal-Gvern Fgura detentur tal-karta ta' l-identita' b'numru 320292M; u

Josef Mahouachi ta' 15-il sena bin Faycal u Doreen nee' Galea mwieled Pieta' fis-26 t'Awwissu 1993 u joqghod 1, Triq Giacomo Matteotti Fgura detentur tal-karta ta' l-identita' b'numru 390693M

1. Ilkoll akkuzati talli nhar it-2 ta' Mejju 2009 ghal habta ta' 10 pm u hinijiet wara waqt li kienu fi Pjazza Redent Gauci Fgura kkommettew serq ta' soft toys, stationery, first aid box, trophies, torches u xi accessorji ohra li jintuzaw mill-girl guides tal-Fgura, mill-fond 'Fgura Girl Guides Headquarters' ghal valur ta'

madwar (€265) ghad-dannu tal-Fgura Girl Guides liema serq aggravat bil-mezz, valur u bil-hin.

2. U aktar talli nhar it-2 ta' Mejju 2009 ghal habta ta' 4pm u hinijiet wara bil-lejl volontarjament hassru jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamlu hsara fuq lockers u bieb ta' barra tal-fond bl-isem 'Fgura Girl Guides Headquarters' sitwat fi Pjazza Redent Gauci Fgura ghad-dannu tal-Fgura Girl Guides u tal-Kunsill Lokali tal-Fgura liema hsara ma tiskorrix 1164.69 Euros imma hi izjed minn 116.47 Euros.
3. Josef wahdu akkuzat talli fix-xahar ta' Frar 2009 f'xi hin bil-lejl waqt li kien fl-inhawi tal-Fgura volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara fuq Transit Blu liema numru tar-registrazzjoni u sid tieghu mhux maghruf u liema hsara ma tiskorrix 116.47 Euros imma izjed minn 23.29 Euros.
4. *Omissis* wahdu akkuzat talli fl-istess cirkustanzi kiser il-provvedimenti ta' l-Artikolu 22 tal-Kap 446 li kienu gew imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LLD nhar it-22 ta' Settembru, 2008.
5. *Omissis* wahdu b'hekk sar recidiv b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza saret definittiva u dan ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens mibghut mill-Avukat Generali fit-23 ta' Gunju, 2009, sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja, u rat li l-imputati ma kellhom l-ebda oggezzjoni li kaz jigi hekk deciz u trattat.

Rat li fl-ewwel seduta u cioe dik tal-11 ta' Jannar 2010, l-imputat Mahouachi ammetta ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

Rat li fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2010, l-imputat Christian Debono ammetta ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha u d-dokumenti ezebiti, inkluz il-*pre-sentencing reports* tal-Probation Officer Chantal Avellino u r-rapporti verbali tal-Probation Officer Gordon Grech.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni tal-imputati stess, il-Qorti issib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat Christian Debono u l-ammissjoni li saret ftit wara li bdew il-proceduri mill-imputat Josef Mahouachi. Iz-zewg imputati ikkooperaw mal-pulizija. L-imputati irrifondew il-partijiet rispettivi taghhom (terz kull wiehed) tad-danni kagunati lill-bieb tal-Kunsill Lokali tal-Fgura, fejn huma allokati il-Fgura Girl Guides Headquarters, pero ma rrizultax li hallsu il-parti pro rata taghhom ghad-danni li sofrew il-Fgura Girl Guides li b'kollox jammonta ghal madwar €300.00,[1] u ghalhekk l-imputati ma irrizarcixxiex lill-Girl Guides l-ammont dovut minn kull wiehed minnhom *pro rata* ta' €100.00.

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputati kkommettew ir-reati in kwistjoni meta huma kienu ghadhom minorenni u ghalhekk huwa applikabbli fil-konfront taghhom l-Artikolu 37(2) tal-Kodici Kriminali u fic-cirkostanzi il-Qorti se tnaqqas il-piena bi grad.

Sfortunatament mir-rapport verbali tal-Probation Officer Gordon Grech jirrizulta car li l-imputat ma tghallmux minn din l-esperjenza taghhom u wara l-kommissjoni ta' dawn ir-reati, l-imputati kellhom diversi kundanni minn dawn il-Qrati kif jirrizulta mill-fedina penali annessa mal-istess rapport. L-imputat Gordon Debono kellu hames (5) kundanni ohra minn dawn il-Qrati relatati ma gestjoni ta' hanut minghajr licenzja, ksur tal-ligijiet tas-sewqan, serq aggravat u hsara volontarja. L-imputat Josef Mahouachi kellu tlett kundanni minn dawn il-Qrati, relatati ma zewg kazijiet ta' serq aggravat, hsara volontarja u ksur tal-ligijiet tas-sewqan.

---

[1] Ara Dok SZ5 a fol. 23 tal-process u xhieda ta' Sharon Bonello fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2010.

Iz-zewg imputati inghataw opportunita minn dawn il-Qrati sabiex jirriformaw ruhhom u jitbieghdu mit-triq tal-kriminalita, u fil-fatt tqieghdu taht Ordni ta' Probation ghal sentejn b'sentenza tal-1 ta' Settembru 2010 moghtija minn din il-Qorti, diversament preseduta, izda sfortunatament jidher li ma tghallmu xejn ghaliex mir-rapport verbali Gordon Grech jirrizulta li huma ma ikkoperawx mal-Ufficjal tal-Probation li kien gie assenjat lilhom sabiex jeghlbu l-problema tal-abbuz tad-droga cannabis u ghadhom jabbuzaw minnha sal-gurnata tal-lum, u wara li giet terminata din l-ordni ta' Probation, l-imputat Josef Mahouachi instab hati ta' diversi reati relatati mal-ligijiet tas-sewqan u gie ikkundannat tminn (8) xhur prigunerija u sena sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan.

Fil-fatt l-Ufficjal tal-Probation Gordon Grech wasal ghal konkluzjoni fil-konfront taz-zewg imputati illi huma ma kienux idoneji biex jinghataw Ordni ta' Servizz fil-Kommunita, u dan minhabba li z-zewg imputati jabbuzaw b'mod frekwenti mid-droga cannabis u fl-opinjoni tieghu hemm bzonn li primarjament jigi indirizzat dan il-vizzju.

L-Ufficjal tal-Probation irrakomanda li l-imputati jitpoggew taht Ordni ta' Probation sabiex ikunu jistghu jinghataw gwida sabiex jindirizzaw l-vizzju tad-droga fil-waqt li jghixu hajja minghajr kriminalita. Din il-Qorti taqbel ma' din ir-rakkomandazzjoni tal-Ufficjal tal-Probation, pero invista tal-fedina penali pjuttost raffrettarja taghhom, hija tal-opinjoni li ghandhom jinghataw sentenza ta' habs sospiza u jitpoggew taht ordni ta' supervizjoni.

Il-Qorti hija konsapevoli li l-imputati diga tqieghdu taht ordni ta' Probation minghajr ma uzufruwixxew ruhhom minn din l-opportunita, pero in vista tal-eta pjuttost zghira taghhom, hija tal-opinjoni li ghandhom jinghataw opportunita ohra sabiex jirriformaw ruhhom.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Rittmar Hatherly** et deciza fid-9 t'Ottubru 2008, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[2] irriteniet hekk: *"Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija. Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tieghu* ***Principles of Sentencing*** *(Heinemann, London, 1979):*
*"The term 'inadequate recidivist' is used to describe an offender, middle aged or older, who has over a long period of years committed numerous offences, not in themselves in the first rank of seriousness, and has served many terms of imprisonment as well as experiencing an extensive selection of other penal measures. Faced with such an offender, the Court will usually grasp any chance of breaking the cycle of offence and sentence, even if the chances of success are obviously limited...As in the case of the intermediate recidivist there must be some prospect of success, however remote" (pp. 22, 23).*

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti wara li rat l-Artikoli 261(b), (c) u (f), 263, 267, 270 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib liz-zewg imputati hatja tal-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom, u wara li rat l-Artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat Josef Mahouachi hati tat-tielet imputazzjoni dedotta kontra tieghu, u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula, u wara li rat l-Artikolu 37(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannahom ghal perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghdin jigu sospizi ghal perjodu ta' erba' snin mil-lum, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

A tenur ta' l-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'zieda ma' din is-sentenza sospiza l-Qorti qed tqieghed lil hatja taht Ordni ta' Supervizjoni ghal zmien

[2] *Per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano.

mil-lum, bil-kundizzjonijiet stretti li qed jigu imposti fuqhom skond l-Ordni ta' Supervizzjoni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 28(H) tal-Kapitolu 9, il-Qorti qieghda tordna lill-hatja, ihalls is-somma ta' mitt Euro (€100) kull wiehed lill-Girl Guides tal-Fgura, rapprezentanti terz tad-danni lilhom kagonati bir-reati li taghhom l-imputati instabu hatja, u dan il-hlas ghandu jsir fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Il-Qorti wissiet lil hatja bi kliem car  il-konsegwenzi jekk huma jikkommettu reat iehor punibbli bi prigunerija matul dan il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza jew jekk jonqos illi jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni ta' Supervizjoni, jew jekk ma jhallsux lill-parti leza fit-terminu stabbilit.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

**(ft) Magistrat**
**Vera kopja**

**Deputat Registratur**